



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 24.3.2017  
COM(2017) 137 final

2017/0062 (NLE)

Proposta għal

### DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tistabilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar il-modifika tal-frekwenza tar-Reviżjonijiet tal-Politika Kummerċjali stabbilita fil-paragrafu C(ii) tal-Anness 3 tal-Ftehim tad-WTO u fir-regoli ta' proċedura tal-Korp ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi meħuda f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) biex taġġusta l-frekwenza tar-Reviżjonijiet tal-Politika Kummerċjali tal-Membri tad-WTO stabbilita fil-paragrafu C (ii) ("Proċeduri għar-reviżjoni") tal-Anness 3 tal-Ftehim tad-WTO u fir-regoli ta' proċedura tal-Korp ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali.

L-espansjoni tas-sħubija tad-WTO mill-1995 żiedet ukoll l-għadd ta' reviżjonijiet meħtieġa għall-konformità mal-paragrafu C (ii) tal-Anness 3. Dan żied il-piż fuq il-Membri u fuq is-Segretarjat tad-WTO u b'riżultat ta' dan, iċ-ċiklu attwali tar-Reviżjonijiet tal-Politika Kummerċjali sar insostenibbli.

Id-diskussjonijiet fost il-Membri tad-WTO fil-kuntest tas-Sitt Valutazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali wasslu biex il-Korp tal-Politika Kummerċjali, b'mod partikolari, jissuġġerixxi:

- li tiġi aġġustata l-frekwenza tar-Reviżjonijiet tal-Politika Kummerċjali (TPRs) billi iċ-ċikli attwalment stabbiliti fil-paragrafu C (ii) tal-Anness 3 jiġu estenzi b'sena, u
- li r-regoli ta' proċedura tal-Korp ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali jiġu mibdula f'it sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' reviżjoni.

#### Frekwenza tar-TPRs (Anness 3, paragrafu C(ii) tal-Ftehim tad-WTO)

Il-frekwenza li biha attwalment jiġu riveduti l-politiki kummerċjali tal-Membri tiddependi fuq is-sehem relattiv ta' għom fil-kummerċ dinji. L-erba' Membri li għandhom l-akbar sehem fil-kummerċ dinji attwalment jiġu riveduti kull sentejn (l-UE, l-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Ġappun). Is-sittax-il Membru li jmiss (eż. il-Federazzjoni Russa, l-Awstralja, il-Kanada u l-Iżvizzera) jiġu riveduti kull erba' snin u l-bqija tal-Membri prattikament kull sitta sa seba' snin. Il-Korp ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali huwa tal-fehma li jenħtieġ li l-frekwenza tar-reviżjonijiet, mill-2019, tinbidel għal kull tliet snin, ħames snin u seba' snin, rispettivament.

Id-deċiżjoni dwar l-aġġustament ta' iċ-ċikli ta' reviżjoni se tiġi meħuda mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO, skont l-Artikolu X:8 tal-Ftehim tad-WTO, jew mill-Kunsill Ġenerali (fl-intervalli bejn il-laqgħat tal-Konferenza Ministerjali skont l-Artikolu IV:2 tal-Ftehim tad-WTO), u se tidħol fis-seħħ għall-Membri kollha meta tiġi approvata.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tiegħu pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea biex tissieħeb fil-kunsens bil-għan li tappoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Konferenza Ministerjali (jew il-Kunsill Ġenerali, fl-intervall bejn il-laqgħat tal-Konferenza Ministerjali), rigward l-estensjoni ta' sena ta' iċ-ċikli ta' reviżjoni attwali fil-paragrafu C(ii) tal-Anness 3 tal-Ftehim tad-WTO.

#### Modifika tar-Regoli ta' Proċedura tal-Korp ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali

B'riżultat tas-Sitt Evalwazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali, il-Korp tal-Politika Kummerċjali ("TPRB" - Trade Policy Review Body) jirrakkomanda wkoll li r-regoli ta' proċedura jiġu modifikati. Il-modifiki jinkludu bidliet żgħir biex jiġi ffaċilitat it-tweġiq tar-reviżjonijiet, pereżempju l-għoti ta' erba' ġimgħat minflok it-tlieta attwali lill-Membru rivedut sabiex iwieġeb għal mistoqsijiet li jitressqu minn qabel meta juża l-iskeda ta'

żmien alternattiva. Bidliet oħra<sup>1</sup> fir-regoli ta' proċedura jinvolvu pereżempju l-possibilità li Membru tad-WTO jippreżenta bidliet sinifikanti fil-politika kummerċjali tiegħu fil-laqgħa tat-TPRB bejn żewġ Reviżjonijiet tal-Politika Kummerċjali jew il-possibilità, fuq it-talba tal-Membru, li jagħmel it-tieni jum tar-reviżjoni aktar interattiv, bl-użu ta' panels jew bil-ħruġ mis-Segretarjat tad-WTO ta' lista ta' kelliema għall-interventi tal-Membri tad-WTO fl-ewwel jum tar-reviżjoni.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi wkoll awtorizzata li tiegħu pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea fit-TPRB biex tissieħeb fil-kunsens bil-għan tappoġġa l-modifika tar-regoli ta' proċedura tal-Korp ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali.

Id-deċiżjoni biex jiġu aġġornati r-regoli ta' proċedura tat-TPRB se tiġi meħuda mit-TPRB.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-inizjattiva hija kompletament konsistenti mal-politiki eżistenti tal-UE.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali sservi mhux biss biex tippreżenta il-Politika Kummerċjali tal-UE, iżda l-politiki l-oħra kollha tal-UE li għandhom impatt fuq il-kummerċ. Permezz tar-Reviżjonijiet tal-Politika Kummerċjali ta' Membri oħra tad-WTO, l-UE tista' ssaqsi mistoqsijiet lill-Membru rivedut u ttejjeb it-trasparenza.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li meta jkun meħtieġ li deċiżjoni li jkollha effett legali tiġi meħuda f'korp imwaqqaf minn ftehim internazzjonali, fuq proposta tal-Kummissjoni jew tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea.

Id-deċiżjonijiet previsti jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni (l-Artikolu 207 tat-TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti minn din id-deċiżjoni skont l-Artikolu 3 tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

### **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija konformi mal-Artikolu 218(9) TFUE. Ma jeżisti ebda strument ġuridiku ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din il-proposta.

## 3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

Mhux applikabbli

---

<sup>1</sup> Dokument WT/RD/TPR/745.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT**

Mhux applikabbli

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

Il-Parlament Ewropew jiġi infurmat bid-dettalji kollha minnufih, f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar il-modifika tal-frekwenza tar-Reviżjonijiet tal-Politika Kummerċjali stabbilita fil-paragrafu C(ii) tal-Anness 3 tal-Ftehim tad-WTO u fir-regoli ta' proċedura tal-Korp ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Anness 3, paragrafu C(ii) tal-Ftehim ta' Marrakexx li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("Ftehim tad-WTO") jistipula l-frekwenza għar-reviżjoni tal-politiki kummerċjali u tal-prattiki ta' Membru tad-WTO. Il-frekwenza tar-reviżjonijiet tal-politika kummerċjali ta' kull Membru tiddependi fuq is-sehem tiegħu fil-kummerċ dinji. L-akbar erba' Membri tal-kummerċ qed jiġu eżaminati kull sentejn (2). Is-sittax-il Membru sussegwenti f'termini ta' sehem fil-kummerċ dinji jiġu riveduti kull erba' (4) snin, filwaqt li l-Membri l-oħra qed jiġu riveduti attwalment kull sitt (6) snin.
- (2) L-espansjoni tas-Sħubija tad-WTO mill-1995 żiedet ukoll l-għadd ta' reviżjonijiet meħtieġa għall-konformità mal-Anness 3 tal-Ftehim tad-WTO, li jżid il-piż fuq il-Membri u s-Segretarjat tad-WTO. Sabiex tiġi salvagwardjata l-effikaċja tas-sistema ta' reviżjoni, il-Korp ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali (TPRB) tad-WTO jissuġġerixxi li ċ-ċikli attwalment fis-seħħ jiġu estenzi b'sena. Riżultat ta' dan, il-Membri tad-WTO jiġu riveduti kull tlieta (3), ħames (5) u seba' (7) snin, skont is-sehem tagħhom fil-kummerċ dinji.
- (3) F'konformità mal-Artikolu X.8 tal-Ftehim tad-WTO, id-deċiżjonijiet biex jiġu approvati l-emendi għall-Anness 3 tal-Ftehim tad-WTO jridu jittieħdu bil-kunsens tal-Konferenza Ministerjali jew, skont l-Artikolu IV: 2 tal-Ftehim tad-WTO, mill-Kunsill Ġenerali fl-intervalli bejn il-laqgħat tal-Konferenza Ministerjali u għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Membri kollha tad-WTO malli jiġu approvati.
- (4) Sabiex tiġi salvagwardjata l-effikaċja tas-sistema ta' reviżjoni, it-TPRB rrakkomanda<sup>2</sup> wkoll li jiġu emendati r-regoli ta' proċedura tiegħu sabiex jiġu introdotti modifiki żgħar li jistgħu jiffaċilitaw it-twettiq tar-reviżjonijiet, bħal pereżempju l-għoti ta' erba' ġimgħat minflok tlieta lill-Membri rivedut sabiex iwieġeb għal mistoqsijiet mressqa minn qabel meta juża l-iskeda ta' żmien alternattiva. Bidliet oħra fir-regoli ta' proċedura jinvolvu, pereżempju, l-possibilità għal Membru tad-WTO li jippreżenta bidliet sinifikanti fil-politika kummerċjali tiegħu fil-laqgħa tat-TPRB bejn żewġ Reviżjonijiet tal-Politika Kummerċjali jew il-possibilità, fuq it-talba tal-Membri, li huwa jagħmel it-tieni jum tar-reviżjoni aktar interattiv, bl-użu ta' panels jew bil-ħruġ

<sup>2</sup> Dokument WT/RD/TPR/745.

mis-Segretarjat tad-WTO ta' lista ta' kelliema għall-interventi tal-Membri tad-WTO fl-ewwel jum tar-reviżjoni. It-TPRB jista' jieħu d-deċiżjoni li jemenda r-regoli ta' proċedura tiegħu stess skont l-Artikolu IV: 4 tal-Ftehim tad-WTO.

- (5) Huwa fl-interess tal-Unjoni li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Mekkaniżmu ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali sabiex il-Membri kollha tad-WTO ikomplu jiġu riveduti regolarment u l-laqgħat tat-TPRB ikunu kemm jista' jkun effiċjenti u mħejjija tajjeb.
- (6) Ikun xieraq, għalhekk, li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi meħuda fisem l-Unjoni fid-WTO sabiex jiġu estiżi b'sena ċ-ċikli tar-Reviżjonijiet tal-Politika Kummerċjali tal-Membri tad-WTO u jiġu modifikati r-regoli ta' proċedura tat-TPRB biex jiġi ffaċilitat it-twettiq tar-reviżjonijiet.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Konferenza Ministerjali, jew fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, għandha tkun li tissieħeb fil-kunsens biex jiġi emendat il-paragrafu C(ii) tal-Anness 3 tal-Ftehim tad-WTO sabiex iċ-ċikli tar-Reviżjonijiet tal-Politika Kummerċjali tal-Membri tad-WTO jiġu estiżi b'sena. Iċ-ċikli ta' reviżjoni fil-paragrafu C(ii) tal-Anness 3 tal-Ftehim tad-WTO jiddependu fuq is-sehem fil-kummerċ dinji u attwalment huma ta' sentejn(2), erba'(4) snin u sitt(6) snin. Huma se jiġu sostitwiti, rispettivament, b'ċikli ta' tliet (3) snin, ħames (5) snin u seba' (7) snin.

Din il-pożizzjoni għandha tiġi espressa mill-Kummissjoni fil-laqgħa li ġejja tal-Konferenza Ministerjali, jew tal-Kunsill Ġenerali, skont liema waħda ssir l-ewwel.

#### *Artikolu 2*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi meħuda fisem l-Unjoni fi ħdan il-Korp ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali għandha tkun li tissieħeb fil-kunsens biex jiġu emendati r-regoli ta' proċedura tat-TPRB - kif ippjanat fid-Dokument WT/RD/TPR/745.

Din il-pożizzjoni għandha tiġi espressa mill-Kummissjoni fil-laqgħa li jmiss tat-TPRB.

#### *Artikolu 3*

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni dwar l-estensjoni taċ-ċikli tar-Reviżjonijiet tal-Politika Kummerċjali għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*